MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 966/2010/1

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Mario Cardona [ID. Nru. 4979G] u b'digriet datat 10 ta' Jannar, 2011 inhatar bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Mario Cardona l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u b'digriet datat 17 ta' Mejju, 2011 l-intimat assuma l-atti tal-kawza stante r-ritorn tieghu lura lejn dawn il-Gzejjer**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Gunju, 2010** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin euro u hamsa u tmenin centezmi ta' euro [€677.85c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenut ghandu jiġi kkundannat ihallas l-ammont ta' sitt mija sebgha u sebghin euro u hamsa u tmenin

ċenteżmu (€677.85) rappreżentanti ammont dovut lis-socjeta attriċi bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lil-istess konvenut abbażi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B). Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, iżda baqa inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Bl-ispejjez inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2499/10 u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni".

Ra n-nota ta' Marco Cardona (Senior) datata 27 ta' Lulju, 2010 fejn huwa rritorna lura l-atti ta' din it-talba stante li huwa ma kienx awtorizzat jaġixxi ghan-nom ta' ibnu l-intimat.

Ra r-rikors tas-socjeta rikorrenti datat 1 ta' Dicembru, 2010 fejn hija talbet li jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat assenti minn dawn il-Gzejjer.

Ra d-digriet tat-Tribunal datat 7 ta' Dicembru, 2010 fejn laqgha t-talba.

Ra **r-risposta tal-kuratur deputat l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace** minnu mressqa fil-25 ta' Frar, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. L-intimat jeccepixxi b'mod preliminarjament li huwa mhux edott mill-fatti;

2. Ukoll b'mod preliminari jeceppixxi l-privilegum fori stante li l-intimat huwa residenti Ghawdex;

3. Salvi eċċezzjonijiet ohra".

Ra r-rikors datat 11 ta' April, 2011 fejn l-intimat talab li huwa jassumi l-atti, li jinghata żmien ghar-risposta u li l-atti jiġu rinvijati lil dan it-Tribunal fis-sede tieghu ġewwa

Ghawdex. Ra l-opposizzjoni tas-socjeta rikorrenti ghat-tieni u t-tielet talbiet mressqa mill-intimat.

Ra d-digriet tieghu datat 17 ta' Mejju, 2011 fejn it-Tribunal laqgha t-talbiet b'dan illi l-ispejjez kollha nkorsi mis-socjeta attriċi sal-lum ghandhom jithallsu u jkunu a karigu tal-intimat.

Ra d-digriet tas-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim' Imhallef datat 31 ta' Mejju, 2011 fejn din il-kawza ġiet assenjata lit-Tribunal ġewwa Ghawdex.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fid-29 ta' Lulju, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi t-telefonati ndikati ma' sarux kollha mill-konvenut.

3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma hallasx il-kont stante illi kien qieghed jiġi mitlub ammont superjuri ghal dak mitlub f'dan l-avviz u oltre minn dan, qatt ma nghata l-kont dettaljat meta mitlub.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".

Ra l-verbal datat 20 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra x-xhieda, ra l-atti kollha esebiti inkluż id-dokumenti, ra n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin euro u hamsa u tmenin ċenteżmu ta' euro (€677.85) minghand l-intimat u dan ghal uzu ta' *internet key* u linja tal-*mobile phone*. L-intimat stqarr fir-risposta tieghu li d-domandi tas-socjeta rikorrenti huma

nfondati fid-dritt u fil-fatt, li t-telefonati ndikati ma' sarux kollha minnu u li huwa ma hallasx il-kont stante illi kien qieghed jiġi mitlub ammont superjuri ghal dak mitlub f'dan l-avviz u oltre minn dan, qatt ma nghata l-kont dettaljat meta mitlub.

2. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. **Brian Camilleri,** *Business Account Developer* mas-socjeta rikorrenti xehed fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 li l-intimat kellhu zewg numri tal-kontijiet. Wiehed kien tal-mobile u l-iehor kien tal-*internet key*. Meta gie mistoqsi fuq il-fatturi pprezentati mis-socjeta minnu rapprezentata, x-xhud qal li a fol. 59 hemm "*rendikont jew fattura ghax-xahar ta' Settembru elfejn u disgha (2009). Minn dan id-dokument jirrizulta li l-internet usage kien ecceda l-usage li kien inghata b'mod gratuwitu li jinghata bhala pakkett mis-socjeta attrici u hemm ukoll inkluz il-kera li jinghata b'mod mensili*" (fol. 117). B'referenza ghall-fatturi li nhargu ghar-rigward ta' l-*internet key*, huwa qal li dawn ikopru l-perjodu Settembru elfejn u disgha (2009) sa Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

ii. Meta x-xhud gie muri r-rendikont u l-fatturi relattivi ghall-uzu tal-*mobile phone* huwa qal li dawn il-kontijiet ilhom pendenti minn April 2009 sa Settembru 2009 meta imbaghad gie sospiz is-servizz. F'Settembru, 2009, ikompli jghid ix-xhud, l-intimat kien hallas is-somma ta' €100, liema ammont gie mnaqqas mill-bilac dovut sadakinhar. Ghalhekk illum fadal l-bilanc mitlub mis-socjeta rikorrenti, liema somma trid tithallas mill-intimat.

iii. Fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2012 **xehed Abraham Zammit**, direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li qal li l-intimat kien residenti fl-imsemmija facilita bejn id-9 ta' Marzu, 2009 u d-9 ta' Lulju, 2009. Mistoqsi jekk hux possibbli ghal persuna li tkun qed tigi mizmuma fil-facilita korrettiva li jkollha *mobile phone* personali taghha, huwa wiegeb fin-negattiv. F'kaz li xi detenut jinstab b'*mobile phone* dan jigi kkonfiskat u l-istess detenut ikun passabbli ghal proceduri dixxiplinarji. Meta saritlu l-istess mistoqsija

b'referenza ghall-*computer* jew *laptop* u cioe jekk detenut jistax ikollu dawn l-oggetti, x-xhud qal li d-detenut irid ikollu permess mill-amministrazzjoni tal-facilita korrettiva sabiex jithallew juzaw dawn l-oggetti.

Ikkunsidra;

3. L-intimat f'dawn il-proceduri ma xehedx. Illi skond ma jirrizulta mill-provi, l-intimat kellhu żewġ kontijiet mas-socjeta rikorrenti:

i. Kont bin-numru 1.10937845 li jkopri l-uzu ta' l-*internet* permezz ta' *internet key* (ara d-dokumentazzjoni li tinsab esebita a fol. 53 et seq tal-process). Mill-fatturi esebiti ghar-rigward ta' dan il-kont jirrizulta li kien hemm hlas mensili rikorrenti ta' €23.27 (inkluż il-VAT).

ii. Kont bin-numru 1.10940929 li jkopru l-uzu tat-telefonija ċellulari (ara d-dokumentazzjoni li tinsab esebita a fol. 96 et seq tal-process). Mill-fatturi esebiti ghar-rigward ta' dan il-kont jirrizulta li kien hemm hlas mensili rikorrenti ta' €75 (inkluż il-VAT).

4. Ukoll skond ma jirrizulta miz-zewg Vodafone sign up forms li hemm esebiti a fol. 54 u 97 tal-process, huwa l-intimat il-persuna rikonoxxuta mis-socjeta rikorrenti bhala l-persuna responsabbli ghal dawn iz-zewg kuntratti.

5. L-intimat fir-risposta tieghu jghid li t-telefonati ndikati ma sarux kollha minnu. Dwar dan it-Tribunal jghid li ghamilhom minn ghamilhom dawn it-telefonati, anke jekk l-intimat kien qieghed detenut fil-facilita korrettiva ta' Kordin kif jirrizulta li effettivament kien bejn id-9 ta' Marzu, 2009 u d-9 ta' Lulju, 2009, huwa xorta wahda jibqa responsabbli ghal hlas ta' kull uzu li jsir mill-istess linja tat-telefonija ċellulari. Oltre dan jirrizulta li ghar-rigward ta' l-uzu ta' l-*internet key*, dan sar wara li l-intimat gie rilaxxat mill-facilita korrettiva ta' Kordin.

6. Illi b'referenza ghall-fatt li l-intimat ighid li huwa qatt ma inghata l-kont dettaljat meta huwa talbu. Apparti li l-intimat qatt ma ressaq xi provi f'dan is-sens, Brian

Camilleri, rappreżentant tas-socjeta rikorrenti xehed li "*Dwar l-itimised billing nghid li ahna ma nkunux tajna kopja taghhom lill-klijent ghax ma jkunx talabhomna. Dan is-servizz kien inkluż fil-pakkett tal-klijent madanakollu qatt ma talabna*" (fol. 118). Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

7. Illi mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa sodisfatt li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa rejalment dovut. Dan jirrizulta ukoll, kemm mill-istqarrija tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti u kemm mid-dokumentazzjoni. Ghalhekk it-tribunal sejjer jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi t-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin euro u hamsa u tmenin ċenteżmu (€677.85) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------